**Laqgha Numru 07/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Seba' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 25 ta' Gunju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.15 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fid-19 ta' Gunju 2008. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2008.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2008.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2007/2008.**
- **10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **11. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 05/K6/2008 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2008.

**46/1983/08/I**
29/04/2008

Ittra minghand il-Familja Busuttil li toqghod Triq il-Beatu Dun Gorg Preca fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jekk huwa possibbli ssir grada sabiex

jinghalaq l-access tat-tarag li hemm ghall-garaxxijiet sabiex ma jkunx ta' periklu ghat-tfal li hemm fl-akwati.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 05/K6/2008 item 2.01, ghall-Minuti 04/K6/2008 item 2.29, ghall-Minuti 03/K6/2008 item 8.98 u ghall-korrispondenza numru **46/1983/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li tigi ordnata din il-grada kif ukoll kien talab lill-Kunsilliera prezenti sabiex jekk jafu b'xi haddied jitolbuh jikkomunika mal-Kunsill sabiex isir ix-xoghol li hemm bzonn, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li s'issa hadd ma kien baghat informazzjoni dwar haddieda sabiex jingabru kwotazzjonijiet minghandhom u ghalhekk ma setax jipprocedi bl-ordni tax-xoghol kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li ser isir sforz iehor sabiex jinsab haddied, is-Sindku Joe Zammit qal li sallum 25 ta' Gunju kien ghad ma nstab hadd ghal dan ix-xoghol.

2.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol kien gie nkluz fit-talba ghall-kwotazzjonijiet li taghlaq nhar il-Gimgha 11 ta' Lulju 2008.

**46/2032/08/I** 02/05/2008 Ftehim propost minn Marianna Co. Ltd. dwar relazzjonijiet bejn Pembroke u bliet u organizzazzjonijiet fil-Bulgarija u traduzzjoni t'ittra minghand The People's Cultural Club Eldorod f'Sevlievo fejn stiednu lill-Kunsill fil-Bulgarija sabiex jigi ffirmat ftehim ta' Public – Private Partnership & Cooperation ma' l-istess ghaqda.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 05/K6/2008 item 2.02, ghall-Minuti 04/K6/2008 item 2.30, ghall-Minuti 03/K6/2008 8.109 u ghall-korrispondenza numru **46/2032/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li qabel ma' l-Kunsill jikkometti ruhu ghandu jikkomunika ma' l-ghaqdiet sportivi w edukattivi fil-lokal u maghhom il-Kunsill jara x'hemm mitlub fil-programm, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ser ikunu qed jippreparaw l-ittra bl-informazzjoni kollha biex tintbaghat lil dawn l-ghaqdiet, is-Sindku Joe Zammit qal li saret laqgha nhar il-Gimgha 20 ta' Gunju 2008 fl-ufficcju tal-Kunsill fejn attendew il-President tal-Luxol is-sur Paul Falzon u s-Sur Victor Camillieri l-President ta' Pembroke Athletics Sports Club akkumpanjat mill-Head Coach ta' l-Athletics flimkien mieghu u mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn wara li z-zewg rapprezentanti qraw bir-reqqa d-dokument mibghut minn Marianna Co. Ltd, iz-zewg rapprezentanti urew interess fil-progett u qablu fil-principju l'issir iz-zjara kif suggerit minn Marianna Co Ltd. biex jaraw x'facilitajiet hemm.

2.04. Fid-dawl ta' dan kollu l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bhala l-Kunsillier responsabbli mill-isports, ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jitlob kjarifika mill-Kunsill tal-post imsemmi jekk din l-inizjattiva hijiex gejja minnaha taghhom kif ukoll jekk kull min huwa msemmi f'dan id-dokument huwiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-post. Il-kelliem qal ukoll li z-zewg rapprezentanti qablu fuq dan ghax jixtiequ li jkunu qed jiehdu sehem bhala parti minn inizjattiva tal-Kunsill ta' Pembroke, halli imbghad wara jkunu jistghu jizviluppaw kuntatti fuq bazi ta' klabbs, izda jkun tajjeb li l-ewwel inizjattiva tkun saret bejn il-Kunsill ta' Pembroke u dak Bulgaru. Il-kelliem qal li r-rapprezentanti tal-klabbs staqsew ukoll jekk l-offerta minnaha Bulgara li jospitaw il-grupp ghadiex tghodd u kull min se jiehu sehem fil-mawra jhallas biss il-biljett ta' l-ajru. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill Lokali Pembroke jaghmel il-kuntatti mehtiega kif miftiehem f'din il-laqgha.

2.05. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 05/K6/2008 item 4.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati fejn qal li fil-jiem li gejja ser jipprezenta rapport tal-Konferenza li attenda ta' l-ECAD fil-jiem li ghaddew kif ukoll fejn kien qal li waqt din il-konferenza rega' tqajjem il-punt li jkun ghaqli li tigi organizzata Konferenza simili bit-titlu European Islands Against Drugs u ghalhekk qal li kien ser jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru u Ministru ghall-Gvern Lokali Dr. L. Gonzi dwar dan il-punt, kif ukoll fejn kien qal li jkun ghaqli jekk din il-konferenza tigi organizzata s-sena li gejja sabiex tahbat mal-25 sena ta' meta Pembroke sar ufficjalment lokal u kien qal ukoll li kien ser ikellem l-FTZ sabiex jara jekk hemmx xi fondi ta' l-EU ghal dan il-ghan, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn l-ittri kienu ghadhom ma nkitbux filwaqt li r-rapport tal-konferenza ta' Warsaw kien ser jipprezentah aktar tard fil-laqgha. Il-kelliem qal ukoll li meta tkellem mas-sur Jesmond Xuereb ta' l-FTZ fejn dan infurmah li hemm fondi disponibbli ghall-attivita' simili.

**46/2568/058/I** 03/06/2008 Kopja t'ittra li l-Kunsill Lokali San Giljan baghat lill-Onor. Prim Ministru dwar il-konfini bejn iz-zewg lokalitajiet.

2.08 B'riferenza ghall-Minuti 05/K6/2008 item 6.35 u ghall-korrispondenza numru **46/2568/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru kif ukoll li kopja taghha tintbaghat lir-residenti kollha ta' Pembroke kif ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel Press Conference fit-triq imsemmija kemm il-darba l-Kunsill jibqa' jigi njorat, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra ser tinkiteb fil-jiem li gejja.

2.09 B'riferenza ghall-Minuti 05/K6/2008 item 11.07 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien informa lill-Kunsill li jidher li l-Korporazzjoni Enemalta jidher li qed tahseb bis-serjeta' sabiex biswit il-Ground tal-Melita jew fil-vicin jinbena impjant tad-dawl liema impjant ser ikun qed jircievi cable tad-distribuzzjoni minn Sqallija li eventwalment dan ser jiddistribwixxi d-dawl f'partijiet ta' Malta fejn kien irrakkomanda lill-Kunsill sabiex jahseb jekk dan jaghmilx sens li dan l-impjant ikun fil-lokal u mhux f'xi post fil-vicin bhal Maghtab li diga huwa post disturbat kif ukoll ghalL-item 11.08 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li huwa jaqbel mal-hsibijiet li ressaq is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u ghalhekk il-Kunsill ghandu minn issa joggezzjona ghal xi proposta simili ghalkemm qal li jkun ghaqli li dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha li jmiss fil-prezenza tal-membri kollha tal-Kunsill, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinkiteb ittra b'urgenza lill-Korporazzjoni Enemalta biex ikun diskuss dan il-progett kif ukoll li jigi nfurmat il-Ministru koncernat.

2.10 Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 32/2008** b'rapport tal-laqghat li saret ma' Dun Rene' Vella **(Ara Dokument A); Internal Memo 33/2008** b'rapport tal-kwotazzjonijiet l'ingabru ghall-Catering ta' Jum Pembroke 2008 **(Ara Dokument B); Internal Memo 34/2008** b'rapport tal-laqghat li saru bejn ilt-11 u l-25 ta' Gunju 2008 **(Ara Dokument C); Internal Memo 35/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 05/K6/2008 u laqgha riferenza 07/K6/2008 **(Ara Dokument D); Internal Memo 36/2008** b'rapport tal-

Konferenza ta' l-ECAD li saret f'Warsaw il-Polonja **(Ara Dokument E);Internal Memo 37/2008** b'rapport tal-intervisti li saru ghall-post ta' skrivan/a mal-Kunsill. **(Ara Dokument F) u Internal Memo 38/2008** b'rapport tal-mawra li saret f'Roccalumera.

3.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li r-rapport dwar il-laqghat li s-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kellhom mal-Pulizija u mat-Taqsima tat-Traffiku tal-Pulizija kienu ghadhom ma sarux.

3.03 B'riferenza ghall-Internal **Memo 33/2008**, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Buongusto Dolceria abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza, li jigi ordnat l-istess ammont bhas-sena li ghaddiet kif ukoll irrimarka li qed jirrakkomanda lil din il-kumpanija abbazi tal-kummenti pozittivi li l-Kunsill kellu minghand id-Direttur tal-CONAD dwar l-ikel is-sena li ghaddiet. **(Ara dokument G, H, I u J)**

3.04 Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.05 Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

3.06 Il-mozzjoni ghaddiet.

3.07 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kienet qed tivvota kontra abbazi ta' dak li gara fis-snin li ghaddew fejn hija u persuni ohra kienu raw lis-Sur Fred Buongusto jimla l-ilma tal-vit fil-fliexken sabiex jitqassam lil dawk prezenti apparti ncidenti ohra li kien hemm.

3.08 B'riferenza ghall-Internal **Memo 37/2008**, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill imur fi stadju ta' kumitat ta' l-ghazla.

3.09 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

***3.11 Il-laqgha giet sospiza fis-7.05 pm.***

***3.12 Il-laqgha tkompliet fis-7.25 pm.***

3.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla li kien kompost mis-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jaghzel lil Ms. Maria Booker ghal skrivana mal-Kunsill.

3.14 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla u jaghzel lil Ms. Maria Booker ghal skrivana mal-Kunsill.

3.15 Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

3.16 Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur, is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw kontra filwaqt li l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

3.17 Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota kontra.

3.18 Il-mozzjoni m'ghaddietx.

3.19 Is-Sindku Joe Zammit ippopona li l-Kunsill jaghzel lil Ms. Kirsty Rizzo.

3.20 Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.21 Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

3.22 Il-mozzjoni ghaddiet.

3.23 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li b'dispjacir il-maggoranza rapprezentata fil-Kunsill ghamlet ghazla li ma kienetx l-ahjar wahda ghall-Kunsill.

3.24 Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li jekk il-quddiem jirrizulta li l-ghazla tkun zbaljata l-Kunsill ifittex li jimpjega lil xi hadd wara li ssir sejha pubblika.

3.25 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ikun mitlub li kull gimghatejn jipprovdi lill-Kunsill appraisal report dwar l-andament ta' Ms. Rizzo.

3.26 Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.27 Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

3.28 Il-mozzjoni ghaddiet.

3.29 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill min meta ser jibda l-impjieg ta' Ms. Rizzo kif ukoll fid-dawl li bhalissa l-impjegati qed jahdmu l-hinijiet tas-Sajf, kif Ms. Rizzo ser taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas ta' sieghat.

3.30 Is-Sindku Joe Zammit ta struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex l-impjieg ghandu jkun b'effett immedjat kif ukoll li rigward is-sieghat, is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jitlob gwida minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Peress li ma kienx hemm kummenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-12 u l-25 ta' Gunju 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2701/08/I**
10/06/2008
Ittra minghand Dun Rene' Vella fejn informa lill-Kunsill li huwa ma jistax jiddiskuti mal-Kunsill is-suggeriment li ssir festa esterna minhabba li dik hija kompetenza ta' l-Awtoritajiet Eklesjastici.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2701/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrefera wkoll ghall-laqgha li saret mal-Kappillan (Internal Memo 32/2008) qabel il-laqgha tal-Kunsill li ghaddiet fejn qal li jidher li jekk jinhass interess biex issir festa

esterna ta' Kristu Rxoxt, din it-talba trid issir lill-awtoritajiet eklesjastici kif indikat mill-kappillan.

**46/2702/08/I** 10/06/2008 Ittra minghand is-Sur Pierre Gatt fejn informa lill-Kunsill li huwa lest li jibni l-hajt madwar il-plot li ghandu fi Triq l-Imhallef William Harding wara li jinhareg il-permess li ghandu pendenti mal-MEPA.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2702/08/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li s-Sur Gatt jigi nfurmat li b'dispjacir il-punt tieghu mhux accettabbli ghax jekk il-permess idum zmien twil allura l-periklu jista' jikber. Il-kelliem qal li minnaha l-ohra huwa ghandu jitlob lill-MEPA ghal din it-talba ghax il-Kunsill se jinforma lill-MEPA b'dan u jekk jinghata l-permess mill-MEPA biex jaghmel kif qed jitlob huwa, allura il-Kunsill ghandu jkun infurmat. Il-kelliem qal li ghalhekk il-Kunsill ser jinforma lill-MEPA bil-kaz. Il-kelliem qal li l-istess ghandu jsir ghall-okkupanti l-ohrajn tat-triq.

6.04. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li l-Kunsill ghandu jerga' jikteb lir-residenti koncernati sabiex jaderixxu mar-regolamenti kif ukoll jekk sal-15 ta' Lulju x-xoghol ikunu ghadu ma sarx dawn jigu nfurmati li x-xoghol ser isir mill-Kunsill ghas-spejjez taghhom skond ir-regolamenti tal-MEPA.

6.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

6.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2706/08/I** 10/06/2008 Lista minghand il-MEPA bl-agenda tad-DCC – PA 00313/08, Site at Triq Suffolk, Pembroke – Proposed Carwash facilities – Recommended to Refuse Permission.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2706/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jekk jinhtieg il-Kunsill jerga' jressaq l-oggezzjoni tieghu u jekk jew meta tkun se tersaq quddiem il-BORD il-Kunsill ghandu jkun rapprezentat.

6.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-Decizjoni tad-DCC kienet li irrifjuta l-permess u s-seduta kienet fil-jiem li ghaddew.

**46/2709/08/I** 10/06/2008 Ittra minghand FELTOM fejn qed jitolbu li jiltaqghu mal-Kunsill.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7209/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din il-laqgha ser issir nhar l-Erbgha 2 ta' Lulju 2008 fis-1.00 pm.

**46/2714/08/I** 10/06/2008 Diversi kwotazzjonijiet minghand Golden Gate ghall-printing ta' Envelopes u letter heads.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2714/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-kwotazzjonijiet jigu accettati. **(Ara dokument K, L, M, N, O u P)**

6.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2715/08/I** 10/06/2008 Kwotazzjoni minghand Hotel La Piramide dwar akkomodazzjoni f'Roccalumera f'Settembru 2008.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2715/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din ser tkun parti minn informazzjoni li l-Kunsill ser jghaddi lil dawk kollha li wrew interess biex imorru ghal din il-mawra.

**46/2742/08/I** 11/06/2008 Informazzjoni minghand Virtu Ferries Limited bil-prezzijiet li qed joffru ghax-xahar ta' Settembru 2008.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2742/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din ser tkun parti minn informazzjoni li l-Kunsill ser jghaddi lil dawk kollha li wrew interess biex imorru ghal din il-mawra.

**46/2752/08/I** 13/06/2008 Ittra minghand il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Zghazagh u Sport fejn informa lill-Kunsill Ii rcieva l-ittra tal-Kunsill dwar il-problema ta' l-ilma tax-xita.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2752/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrefera ghal dan is-suggett u ghal dak li tqajjem fil-laqgha ma' l-Avukat. Il-kelliem qal li l-parir ta' l-avukat huwa li bhala Kunsill isir biss protest gudizzjarju ghal kull hsara li tista' issir lis-servizzi pubblici li jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Kunsill u mhux ghar-residenti. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel dan il-protest biex jissalvagwardja t-triq u s-sistema tad-dranagg li tista' taghmel hsara lit-triq jekk ma tkunx tiflah il-volum ta' dranagg. Il-kelliem ippropona li minnaha l-ohra l-Kunsill ghandu jlaqqa' lir-residenti tat-triq biex ikellimhom l-avukat tal-Kunsill u jaghtihom parir x'iridu jaghmlu huma bhala residenti.

6.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2756/08/I** 13/06/2008 Kopja ta' Enforcement Notice li l-MEPA harget lis-Sur John Portelli ta' Flat 1 Blokk 7 Triq l-Imhallef William Harding minhabba li ghandu zvilupp minghajr il-permess mehtieg.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2756/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Sur Portelli gie ordnat biex inehhi l-kannizzata ta' l-injam li ghamel biex ixeblek id-dwieli ta' l-gheneb. Il-kelliem qal li huwa nfurmat li dan ser jaghmlu fil-jiem li gejjien.

**46/2763/08/I** 13/06/2008 Ittra minghand l-AKL fejn qed tinforma lill-Kunsill li MCAST bhas-snin li ghaddew ser jipprovdu lill-Kunsilli Lokali b'kopji tal-Prospectus ghas-sena li gejja sabiex jingabru mill-istudenti prospettivi.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2763/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2784/08/I** 13/06/2008 Ittra minghand Saulius Caplinskas dwar konferenza dwar l-Aids f'Vilinius li ser issir fit-28 u 29 ta' April 2009.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2784/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2785/08/I** 13/06/2008 Ittra minghand D Consulta dwar proposta minghand l-EU ghall-fondi ta' ricerka u zvilupp.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2785/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2792/08/I** 13/06/2008 Lista minghand Melita FC bil-persuni li jiffurmaw it-tim tal-football.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2792/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera specjalment ghall-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bhala responsabbli minn sports. Il-kelliem qal li dawn ser ikunu parti minn dawk il-persuni li ser nonoraw f'Jum Pembroke.

6.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fuq struzzjonijiet tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, kull ma ser isir huwa li tinghata memento biss lill-klabb tal-Melita u mhux tokens lill-players ukoll.

**46/2798/08/I** 16/06/2008 Ittra minghand l-ETC dwar Seminar li ser isir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2008 dwar Green Jobs.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2798/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li min jixtieq jattendi ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet kienu ghalqu.

**46/2822/08/I** 17/06/2008 Ittra minghand is-Sur Mario Grech Mallia ta' 271 Triq ANZAC fejn qed jitlob l-intervent tal-Kunsill sabiex jitnaddaf sit li hemm faccata tieghu kif ukoll sabiex tintbaghat ittra lir-residenti tal-madwar sabiex ma jiddisponux minn skart fl-istess sit.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2822/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbaghat ittra/cirkulari msemmija mis-sinjur u li l-Kunsill ser ikun qed jaghmel sorveljanza taz-zona ghal min jinqabad jikser il-ligi.

6.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2826/08/I** 17/06/2008 Ittra minghand OPAL fejn qed jistaqsu lill-Kunsill jekk il-Kunsill ghadux interessat fit-tender li kienu hadu ghall-provvista ta' Play Equipment.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2826/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jistaqsi sa kemm zmien jistghu jikkonfermaw il-prezzijiet skond it-tender halli naraw x'hemm bzonn fil-playing fields u skond il-finanzi li ghandu l-Kunsill kif ukoll li tintalab laqgha maghhom dwar il-proposta li kien hemm sabiex isir adventure park fil-lokal.

6.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2867/08/I** 20/06/2008 Ittra minghand Pembroke Local Council Football School fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li l-iskola mhux ser topera fix-xhur t'Awissu u Dicembru u ghalhekk mhux ser ikun hemmm bzonn il-htiega tal-pagament ghal dawn ix-xahrejn.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2867/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2868/08/I** 20/06/2008 Kwotazzjoni minghand Koptasin ghall-provvista t'arbli tal-bnadar ghall-prezz ta' €110.00 il-wiehed inkluz it-trasport u twahhil fil-post.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2868/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni u jordna 7 arbli sabiex jitwahhlu quddiem il-Kunsill kif kien gie diskuss xi gimghat ilu.

6.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab lill-Kunsill sabiex jinforma lill-J & K Contractors li talba li kienet saret ilu ghal dawn l-arbli issa qed tigi rtirata kif ukoll li ghandu jitqabbad il-haddiem ta' l-IPSL sabiex jitnehha l-injam li thalla mill-istess kuntrattur fi Triq Burma l'ilu biex jitnehha xhur.

**46/2873/08/I** 20/06/2008 Stedina minn Vilnius, Lithuania ghall-konferenza li ser issir bejn it-28 u t-30 t'April 2009 bi-tema – 5th European Conference on Clinical & Social Research on Aids and Drugs.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2873/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-istedina tkun accettata mill-Kunsill u li jakkumpanja lis-Sindku ghandu jkun hemm il-Kunsillier responsabbli miz-zghazagh u sports jigifieri l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll xi kunsillier iehor skond kif jiddetermina l-Kunsill fl-laqgha fil-bidu tas-sena d-diehla. Il-kelliem ippropona wkoll li minn dhul minn attivitajiet jew dhul iehor straordinarju tal-Kunsill ghandhom jitwarrbu biex jaghmlu tajjeb ghal din il-partecipazzjoni ta' din il-konferenza li tkun t'interess. Il-kelliem qal li jkun tajjeb li ghandna zmien sa April tas-sena d-diehla biex ingemmaw ghal din l-attivita'.

6.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2874/08/I** 20/06/2008 Ittra minghand TCTC fejn qed jitlob li jigi ffirmat il-ftehim propost kif ukoll li jsir il-pagament dovut qabel jinbeda l-kors.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2874/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li wara li kien hemm rispons hekk tajjeb minn tfal tal-familji f'Pembroke ppropona li jkun iffirmat il-ftehim propost. Rigward il-pagament qabel jibda l-kors il-kelliem ippropona wkoll li din it-talba m'ghandiex tigi accettata izda l-hlas ghandu jsir wara li jkun sar il-kors.

6.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jixtri 2 kompjuters ohra sabiex jitpoggew fis-sala ghal uzu ta' l-internet kif ukoll li tinkiteb ittra ufficjali lis-Sur Liam Ferrigi ta' Infinite Fusion Technologies vis-à-vis ix-xoghol li ghad fadal pendenti li jsir fil-Kunsill.

6.45. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2878/08/I** **46/2892/08/I** Memo 13/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Policy gdida dwar Gemellaggi.

20/06/2008

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2878/08/I u 46/2892/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u lill-AKL dwar jekk il-hlasijiet imsemmija humiex konflingenti mal-OPM circular rigward hlas ghal visti barra minn Malta u li l-Kunsill dejjem mexa fuqhom bhala gwida. Fl-istess hin il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jinforma lill-Kunsill jekk il-0.5% ta' l-allokazzjoni finanzjarja hijiex inqas jew aktar minn dak indikat fid-dokument ta' gwida mahrug mid-Dipartiment.

6.48. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li 0.5% ta' l-allokazzjoni finanzjarja huwa € 1528.38 jigifieri anqas minn € 3,500 li huwa l-massimu approvat mid-Dipartiment. Il-kelliem informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li ghandu minghand id-Dipartiment din il-procedura hija b'effett immedjat li tinkludi l-infieq ghas-sena finanzjarja 2008/2009 kif ukoll li l-ammont ta' massimu ta' € 3,500 fis-sena huwa ghal dak kollu konness ma' kull ftehim jew gemellagg li l-Kunsill ghandu jew jista' jkollu.

6.49. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jikteb ufficjalment lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jiccara jekk l-ammont allokat huwiex ghal kull gemellagg jew huwa total globali li jinkludi l-gemellaggi u l-ftehim kollha u dan minhabba l-fatt li l-Kunsill isib li dan l-ammont mhux bizzejjed sabiex ikopri l-attivitajiet kollha li jsiru nkluz skambji ta' zghazagh, anzjani u attivitajiet sportivi.

**46/2882/08/I** 20/06/2008 Informazzjoni minghand l-Ufficcju tal-Protokol fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin dwar bnadar u titli diplomatici.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2882/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex tithalla kopja fuq il-mejda tal-Kunsilliera u spjegazzjoni rigward il-bandiera ta' l-Unjoni kif ukoll li tinkiteb ittra lill-Protokol sabiex tinghata gwida cara dwar fejn il-Kunsill huwa obbligat li jpoggi l-bandiera ta' l-EU.

6.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2883/08/I** 20/06/2008 Stedina minghand il-Konsolat tar-Repubblika Ceka ghall-attivita' kummercjali li ser issir biex jitfakkar l-40 Anniversarju mir-relazzjonijiet diplomatici bejn ir-Repubblika Ceka u Malta.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2883/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li jekk ikun jista' ser jattendi.

**46/2905/08/I** 20/06/2008 Ittra minghand is-sezzjoni tat-Traffiku tal-Pulizija fejn b'riferenza ghall-laqgha li kellhom mas-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qed jissuggerixxu li l-laqgha ghaz-zghazagh issir nhar is-16 jew 23 t'Awissu 2008.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2905/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.55. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din il-proposta tal-Pulizija li ssir din it-tahdita ferm interessanti ghandha tkun milqugha ghax tista' tghin hafna lil dawk is-sewwieqa godda u ghalhekk ippropona biex issir din l-attivita' nhar it-23 t'Awissu

2008 fis-Sala tal-Kunsill u tintbaghat cirkulari fid-djar biex naraw x'interess tqajjem inizjattiva bhal din.

6.56. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2907/08/I** 20/06/2008 Ittra minghand is-Sinjura Rita Sammut fejn qed tinforma lill-Kunsill li lesta li toffri fil-Kunsill klassijiet ta' aerobics ghar-residenti.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2907/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2957/08/I** 24/06/2008 Kwotazzjoni minghand Omni Stat ghall-provvista ta' 3 imwejjed li jinghalqu ghall-prezz ta' € 265.00 il-wahda eskluz il-Vat.

6.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2957/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtraw dawn l-imwejjed. **(Ara dokument ** )**

6.60. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2964/08/I** 25/06/2008 Ittra minghand Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika dwar l-iskola ta' l-Athleta tal-Kunsill.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2964/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

**46/2980/08/I** 25/06/2008 Kwotazzjoni minghand Nexos Lighting Technology ghall-provvista ta' dawl u sound ghal Jum Pembroke ghall-prezz ta' € 1,074.41.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2980/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni. **(Ara dokument **)**

6.64. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2981/08/I** 25/06/2008 Kwotazzjoni minghand Consultancy & Research Limited ghall-provvista ta' palk ghal Jum Pembroke ghall-prezz ta' € 550.00.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2981/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni. **(Ara dokument **)**

6.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kellux kummenti u ghadda ghall-item li kien imiss.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Kunsillier Lauro Fava ppropona li fl-attivita' li ser issir nhar il-Hadd 6 ta' Lulju tal-power boats il-Kunsill ipoggi l-kamp tal-Kunsill sabiex ikun hemm ftit dell minhabba li l-attivita' ser issir barra kif ukoll li jitpoggew x'imwejjed u ftit ikel, ilma u luminata ghal dawk li ser ikunu prezenti.

8.02. Il-Vci Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat qalu li ser jiehdu hsieb kollox huma ghal din l-attivita'.

## 09. Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2007/2008 .

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-Rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena 2007/2008 jigi approvat kif ipprezentat. **(Ara dokument **)**

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija kienet qed toggezzjona ghall-iskeda tal-prezenza tal-Kunsilliera minhabba l-fatt li meta hija kienet tkun skuzata minhabba l-fatt li kienet tattendi ghall-kura l-isptar. Il-kelliem irrimarkat ukoll li hafna mill-laqghat kienu jsiru nhar ta' Tnejn meta l-membri kollha tal-Kunsill kienu jafu li hija tkun qed tiehu kura l-isptar u ghalhekk kien hemm drabi fejn kien impossibbli li hija tattendi.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara Dokument J, K u L)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr ta' TCTC kif diskuss aktar kmieni fil-laqgha.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jinforma lill-Awtorita' tad-Djar li se tinzamm responsabbli ghal danni sofferti minn residenti minhabba xoghol hazin fuq il-bankini ta' Trejqet il-Beatu Dun Gorg Preca u l-madwar mill-kuntratturi li tqabbdu minnaha taghhom. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jinforma b'dan lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jaghti parir lill-Kunsill ta' kif jista' jmexxi. Il-kelliem ippropona wkoll li ssir talba lill-Ministeru koncernat sabiex sal-15 ta' Lulju 2008 jinforma lill-Kunsill jekk huwiex ser isir dawl madwar din iz-zona ta' Trejqet il-Beatu Dun Gorg Preca wara li qal li Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar kienu nfurmawh verbalment li m'hemmx fondi ghal dan ix-xoghol. Finalment is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb lill-ADT fejn dawn jigu nfurmati li l-Kunsill ser isewwi t-tarag li jitla' u jinzel ghal Juno area ghax mhux sewwa li l-Kunsill baqa' minghajr risposta mill-ADT kif ukoll li l-Kunsill jitlob lill-istess ADT thallas ghax-xoghol li hemm bzonn isir. Il-kelliem qal li dawn l-ittri ghandhom jinkitbu wara li jittiehed il-parir ta' l-avukat tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li ssir press conference fuq is-sit minhabba dawn l-affarijiet li l-Kunsill m'ghandux kontroll fuqhom kif ukoll li jigu nfurmati r-residenti koncernati.

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-haddiem ta' l-IPSL jitqabbad jaghmel linji sofor ma' l-art fil-basement ta' Sit A kif kien spjegat lill-Kunsill mill-Ispettur tal-Pulizija sabiex b'hekk il-Kunsill ikun qed jghin lir-residenti tal-blokk halli jimxu sew u b'rispett lejn xulxin.

11.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.07. Parking Lines

11.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-haddiem ta' l-IPSL jitqabbad jaghmel linji sofor ma' l-art skond il-linji gwida ta' l-ADT biex nghinu lir-residenti jimxu sew u b'rispett lejn xulxin u dan billi jsir metru minn kull naha tal-bieb tal-garaxx tas-Sur Mark Abela li joqghod Triq Patri A. Tonna Barthet u ta' Dr. Bugeja (cirkulari lin-nies biex ninfurmawhom)

11.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-istess ghandu jsir mal-garaxx ta' Ray's Green Grocer.

11.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha ta' l-ahhar ta' Lulju ser ikun qed iressaq il-kuntratti kollha tal-kuntratturi quddiem il-Kunsill biex il-Kunsilliera jkollhom bizzejjed cans jiflu u jressqu l-emendi u s-suggerimenti necessarji qabel jergghu johorgu mill-gdid.

11.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinhareg stedina lill-anzjani kollha sabiex jithajru jmorru Roccalumera fi Sqallija fil-mawra li ser issir f'Settembru 2008, li maghhom il-Kunsill ghandu gemellagg fejn kulhadd ser ikun mitlub ihallas l-ispejjez tieghu personalment.

11.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinhareg cirkulari lir-residenti biex isir BBQ flimkien bhala parti minn inizjattiva biex tqarreb aktar lir-residenti bhala komunita'. Il-kelliem qal li naturalment il-prezz ser ikun ragonevoli u jithabbar aktar tard wara li ssir il-laqgha mal-bar manager tal-Luxol Sports Club.

11.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinhareg cirkulari lir-residenti ta' diversi zoni madwar Pembroke biex isir BBQ jew lejla maltija flimkien fiz-zona taghhom bhala parti minn inizjattiva biex tqarreb aktar lir-residenti taghna bhala komunita' kif ukoll fl-istess hin tkun qed issir diskussjonijiet rigward ix-xoghol tal-Kunsill. Il-kelliem qal li fil-qosor il-Kunsill imur ghand ir-residenti u mhux ir-residenti jmorru ghand il-Kunsill.

11.19. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

11.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi rrangata bil-konkos ir-rampa tal-garaxxijiet ta' Trejqet il-Beatu Nazju Falzon kif ukoll li ssir kaxxa safra ma' l-art quddiem l-iskip li hemm fi Triq Salvatore Castaldi.

11.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li permezz tal-Gwardjani Lokali ssir spezzjoni fil-bajja ta' Pembroke sabiex jinqabad min qed jaghmel BBQ minghajr permess kif ukoll min qed ihammeg il-blat bl-istess BBQ's.

11.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu mmarkati l-parking spaces fuq in-naha ta' wara ta' Blk 9 Trejqet ir-Regimenti Maltin.

11.26. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

11.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.28. Il-laqgha ntemmet fl-10.15pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 9 ta' Lulju 2008 fil-5.45 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**